**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA**
**Frar 2013**

| Il-Ħames Sena | L-Istudji Soċjali | Il- Ħin: Siegħa u kwart |
|---|---|---|

L-Isem: ____________________ Il-Klassi: ____________ Marka Totali

## A. Aqta' linja taħt it-tajba. (10 marki)

1. Meta nirċievi xi ħaġa għandi ngħid (jekk jogħġbok, grazzi, bonġu, kif inti).

2. Jekk ma nagħmlux storbju waqt li xi ħadd ikun rieqed inkunu qed nuru (rispett, solidarjetà, rabja, ġenerożità).

3. Il-Maltin juru sens ta' (rispett, ġenerożità, onestà, għira) meta jagħtu flus għall-Istrina.

4. Meta nieħu ħsieb l-annimal tiegħi nuri li nkun (responsabbli, ġeneruż, onest, irresponsabbli).

5. (Fir-Rabat, F'Marsaxlokk, F'San Ġiljan, F'Ħaż-Żebbuġ) insibu suq tal-ħut.



6. Fit-torri ta' San Luċjan jitkabbru (xtieli, insetti, ħut, fjuri).

7. L-Imdina tinsab (fuq għolja, f'wied, ħdejn il-Belt Valletta, qrib il-Mellieħa).

8. L-Imdina hi mdawra (bil-kannizzati, bis-swar, b'ħitan tas-sejjieħ, b'bosk).

9. Meta ġew il-kavallieri bnew l-ewwel bereġ tagħhom (fil-Birgu, fl-Imdina, fiċ-Ċittadella, f'Bormla).

10. L-istrument li jintuża biex juri d-direzzjoni tar-riħ huwa (l-anemometru, l-pinnur, t-termometru, l-pluvjometru).

**B. Qabbel billi tikteb in-numru fil-kaxxa t-tajba.** (10 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | ***Il-Birgu*** | | nsibu wirja ta' oġġetti tal-baħar. |
| 2. | Fuq l-Għolja tal-Ħelsien | ***1*** | ***hu wieħed mit-tlitt ibliet tal-Kottonera.*** |
| 3. | Il-knisja ta' San Lawrenz | | nsibu Jott Marina. |
| 4. | F'din il-knisja nsibu diversi xogħlijiet artistiċi | | mibnija fuq il-pjanta ta' Lorenzo Gafa'. |
| 5. | Fil-Mużew Marittimu | | jinsab fil-ponta tal-peniżola. |
| 6. | Dak li llum hu kunvent tas-sorijiet tal-klawsura | | kien jintuża bħala qorti. |
| 7. | Il-Kastell Sant' Anġlu | | dawru l-Birgu bis-swar. |
| 8. | Il-Palazz tal-Inkwiżitur | | kien sptar tal-kavallieri f'Malta. |
| 9. | Il-Kavallieri | | insibu l-monument li jfakkar meta Malta ħelset mill-ħakkiema barranin. |
| 10. | L-Ingliżi | | ta' Mattia Preti. |
| 11. | Illum max-xatt tal-Birgu | | wżaw il-Birgu bħala bażi navali. |



## Ċ. Ikteb Veru jew Falz. (10 marki)



| | | |
|---|---|---|
| 1. | Kull raħal għandu l-arma tiegħu. | |
| 2. | Fir-raħal ma nsibux skejjel. | |
| 3. | Il-baned tal-irħula ma jiħdux sehem fil-festa tar-raħal. | |
| 4. | Insibu għaqdiet reliġjużi f'kull raħal. | |
| 5. | Ħafna drabi nsibu toroq dojoq u mserrpin fil-qalba tar-raħal. | |
| 6. | L-iskola tagħna tagħmel parti mill-Kulleġġ ta' San Injazju. | |
| 7. | Ħafna drabi l-knisja tkun fil-qalba tar-raħal. | |
| 8. | Il-monumenti fl-irħula ma jfakkrux ġrajjiet jew personalitajiet importanti. | |
| 9. | Il-Kunsilli Lokali għandhom sindku jmexxihom. | |
| 10. | Kull raħal jiċċelebra festa ddedikata lill-qaddis patrun tiegħu. | |

**D. Aqta' linja taħt il-kelma li ma taqbilx.** (5 marki)

1. Iċ-Ċittadella, sawrell, lampuki, kavalli

2. xibka, ċattra, awrata, nassa

3. It-Torri ta' San Luċjan, laboratorju, awrata, saħħa

4. Il-kappella ta' Sant'Anna, il-Mużew Marittimu,

   Palazzo Falson, il-Palazz tal-Inkwiżitur

5. temperatura, xita, millimetri, pluvjometru

**E. Is-Sur Borg kien qed jisma' t-tbassir tat-temp fuq ir-radju.**

(10 marki)



Dan hu r-rapport tat-temp għat-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2012. Illum it-temp mistenni jkun ftit imsaħħab b'waqtiet xemxin, li jsir il-biċċa l-kbira msaħħab bi sħab għoli li jiżdied mal-jum. It-temperatura mistennija titla' għal 28$^{0}$C u matul il-lejl se tinżel għal 19$^{0}$C. Pressjoni għolja qed tiksi ċ-Ċentru tal-Mediterran. Il-viżibilità se tkun tajba. Ir-riħ se jkun varjabbli b'forza minn 2 għal 3. Il-baħar se jkun ħafif b'imbatt ftit li xejn. It-temperatura tal-baħar se tkun ta' 24$^{0}$C. Ir-Raġġi Ultravjola se jkunu 5. L-umdità mistennija tkun 60%. Ix-xemx titla' fis-6.55 ta' filgħodu u tinżel fis-6.10 ta' filgħaxija.

**Is-Sur Borġ kellu jieħu nota ta' dan kollu iżda ma laħaqx niżżel kollox! Għinu sabiex jimla dak li hemm nieqes.**



| | |
|---|---|
| **Ġurnata** | It-Tnejn |
| **Data** | |
| **Temp** | Ftit imsaħħab b'waqtiet xemxin, li jsir il-biċċa l-kbira msaħħab bi sħab għoli. |
| **L-ogħla temperatura** | |
| **L-inqas temperatura** | |
| **Umdità** | |
| **Raġġi Ultravjola** | |
| **Viżibilità** | |
| **Direzzjoni tar-riħ** | varjabbli |
| **Forza tar-riħ** | |
| **Temperatura tal-baħar** | |
| **Tlugħ ix-xemx** | |
| **Inżul ix-xemx** | |

**F. Drittijiet u Dmirijiet** (3 marki)

**1. Aqra dan li ġej u agħmel sing taħt 3 dmirijiet.**

**Ara l-eżempju.**



Sandra hija tifla ta' disa' snin li tinsab fil-klassi tas-Sur Portelli. Hija dejjem taghmel ix-xoghol tal-iskola. Hi membru tal-Kunsill Skolastiku u waqt il-laqgħat tagħmel minn kollox biex tisma' lil sħabha l-oħra u tagħti sehemha f'xi attività li jkunu se jorganizzaw. Id-dar tieħu ħsieb lil oħtha ż-żgħira u meta tlesti mill-istudju tgħin lill-ġenituri tagħha fit-tisjir.

**2. F'dan il-paragrafu sirt taf ħafna dwar Sandra u d-dmirijiet fil-ħajja tagħha. Ikteb issa dwar Sandra u d-drittijiet tagħha.** (10 marki)

| **Rwoli ta' Sandra** | **Dritt A** | **Dritt B** |
|---|---|---|
| **Bħala studenta** | *Tattendi skola li toffri ambjent xieraq.* | |
| **Bħala membru tal-Kunsill Skolastiku** | | |
| **Bħala membru fil-familja tagħha** | | |

**Ġ. Jien u l-Oħrajn** (7 marki)

1. Semmi żewġ għaqdiet li inti tista' tagħmel parti minnhom fir-raħal tiegħek.

a. ________________________________________

b. ________________________________________

2. X'nifhmu b'*Peer Group*? Aqta' sing taħt it-tajba.

a. għaqda ta' ħbieb tal-istess età li jiltaqgħu spiss

b. nies li jattendu l-quddies nhar ta' Ħadd

ċ. il-membri tal-familja

3. Immarka (✓) erba' raġunijiet għalfejn għandek tagħmel parti minn *peer group:*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Niddjaloga | | Ma nħossnix waħdi | |
| Nikkmanda jien biss | | Nitkellem dwar l-esperjenzi tiegħi | |
| Insib min igħini meta jkolli xi diffikultà. | | Ngħid fuq ħaddieħor | |



**G. Aqra u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

Dun Anton organizza turnament tal-futbol għat-tfal tar-raħal għax kien se jagħlaq għaxar snin bħala kappillan ta' Ħal Fjuri. Ronnie kien l-aħjar plejer fit-tim ta' Ħal Fjuri. Is-Sur Pisani l-kowċ, tgħidx x'bokka kellu bih għax kien jiskorja kważi f'kull logħba. Saħansitra, kien ħatru bħala l-kap tat-tim.

Is-Sur Pisani kellu tama qawwija li t-turnament jirbħu t-tim tiegħu għalhekk beda jlaqqagħhom għat-taħriġ kuljum iżda Ronnie kien qed ifalli bl-addoċċ għax kien qed imur idawwar lil ħabibu James.



James kien tifel ta' mparu li xi xhur qabel intlaqat minn karozza u weġġa' x-xewka ta' dahru. Hu lanqas kien jiflaħ jagħti pass u għalhekk kellu bżonn l-għajnuna ta' xi ħadd li jafda.

Ronnie kien tifel b'qalb tad-deheb u kien jieħu gost jagħti l-għajnuna tiegħu lil James. Ta' kuljum wara l-iskola kien imur għalih id-dar joħorġu fis-siġġu tar-roti, iħarrġu fil-mixi u jagħmillu l-qalb bi kliem l-aktar ħelu.

Iżda meta Ronnie spjega lill-kowċ għaliex kien qed ifalli dan ma riedx jisma' . Ronnie la ried jitlaq lil James u lanqas jitlef il-midalja. Imma ħtieġlu bilfors jagħżel bejniethom!

(Addattata minn '*Meta Ronnie Kellu Jagħżel*' ta' Carmel G. Cauchi.)

**<u>Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.</u>** (5 marki)

1. F'liema żewġ attivitajiet kien involut Ronnie?

   a. ________________________________

   b. ________________________________

2. Għaliex kellu bżonn l-għajnuna James?

   ______________________________________________

3. Fl-aħħar Ronnie ħtieġlu jagħżel. Ronnie kien tifel li tassew iħoss għal ħaddieħor. Allura x'deċiżjoni taħseb li għamel? **Ħożż sing taħt it-tajba.**

   a. Iddeċieda li jattendi kuljum għat-taħriġ tal-futbol u jabbanduna għal xi żmien lil James.

   b. Iddeċieda li jibqa' jgħin lil James. Kien lest li jissagrifika l-midalja u jara lil James ferħan.

4. X'jissejjaħ wieħed li jaħseb f'ħaddieħor? Aqta' sing taħt it-tajba.

   (altruist, ċajtier, egoist, supperv)

**Għ. Ikteb il-valuri li jħaddnu dawn it-tfal. Agħżel mill-kliem t'hawn taħt.** (5 marki)

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| responsabbiltà | onesta` | rispett | solidarjetà | ġenerożità |

a. Ben ma jħallix ir-radju fuq volum għoli x'ħin ommu tkun qed tistrieħ wara nofsinhar. ____________________

b. Marisa tagħti xi flus mill-karus tagħha għall-missjoni. ____________________

c. Nathan dejjem jagħmel ix-xogħol kollu mitlub mill-għalliema. ____________________

d. Edward kisser il-vażun u ma waħħalx fil-qattus! Ammetta li kien hu. ____________________

e. Joanne għażlet li tilgħab ma' Petra għalkemm mhix tifla popolari ma' sħabha. ____________________



**H. Min Jien? Imla l-vojt bil-kelma t-tajba.** (10 marki)

1. Jien ħuta. Nitkabbar fil-*fishfarms*. A________

2. Jien nosserva t-temp u nagħmel rapport sabiex jixxandar fuq il-mezzi tax-xandir u l-gazzetti. M_________

3. Jien belt ċkejkna mdawra bis-swar f'nofs il-gżira Għawdxija. Ċ___________

4. Jien riħ kiesaħ. Nonfoħ minn fuq l-Ewropa. T__________

5. Jien kont l-imħallef tal-knisja. Sikwit kont nistħarreġ nuqqas ta' ġieh lejn ir-Reliġjon. I______________.

6. Jien għamilt ħerba sħiħa minn Għawdex. Ġarrejt miegħi xi 6000 ruħ bħala lsiera. D__________.

7. Jien riħ sħun. Nonfoħ minn fuq l-Afrika. N___________

8. Jien fortizza fil-ponta tal-Birgu. Fortizza S________ A__________ .

9. Jien inkejjel il-qawwa tar-riħ. A_____________.

10. Jien immexxi l-parroċċa tar-raħal tiegħi. K___________.H.

**Ħ. Ikteb ħames sentenzi dwar is-suġġett magħżul.**

(15-il marka)

1) L-Imdina, il-Belt il-Qadima ta' Malta.

2) Is-Sajd

3) Kif nuru rispett lill-membri tal-familja tagħna.



Tmiem il-Karta